**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 7 ta' Dicembru 2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**
**(Spettur Christina Delia)**

**vs**

- ***Omissis* –**
**Niro Spagnol**

## DIGRIET

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ta' Niro Spagnol tal-15 ta' Novembru fejn gie espost is-segwenti:

Illi l-esponenti jistqarr illi antecedentement ghal kaz in dizamina huwa kellu d-dipendenza tad-droga.

Illi huwa jhoss li dan il-fattur ghandu jittiehed in konsiderazzjoni minn din il-Qorti anke fl-eventwalita li ssib htija fil-konfront tieghu.

Ghaldaqstant, l-imputat talab lil din il-Qorti joghgobha a tenur tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta tikkonverti lilha innifisha f'Qorti tad-Droga, u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportun.

2. Rat ir-risposta tal-Avukat Generali fejn irrileva li fil-prezent m'ghandux bizzejjed informazzjoni sabiex jippronunzja ruhu dwar jekk it-talba tal-imputat ghandhiex tkun milqugha jew le, u talab li jinghata zmien iwiegeb wara li jixhdu l-persuni li elenka fir-risposta tieghu, flimkien ma' kull persuna ohra li l-Qorti u d-difiza jidhrilhom li ghandha tkun mismugha.

3. Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2023 fuq din it-talba tal-imputat.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

4. L-Artikolu 8(1) tal-Kapitolu 537 jippreskrivi illi *"Meta persuna ... ... hi akkuzata bit-twettiq ta' xi reat li ghalih hemm piena ta' mhux aktar minn seba' snin prigunerija, u l-kundizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (2) huma sodisfatti, l-Qorti tista', wara li tisma' s-sottomissjonijiet maghmula f'isem il-persuna akkuzata u f'isem il-prosekuzzjoni u wara li tisma' kull xhud li l-Qorti tqis bhala necessarju li jinstema', tohrog digriet li permezz tieghu tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga."*

5. Ghalhekk qabel ma din il-Qorti tikkunsidra jekk il-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 8(2) humiex sodisfatti, l-ewwel trid tkun sodisfatta li l-piena tar-reat li bih l-imputat odjern hu mixli ma teccedix is-seba' snin prigunerija – li effettivament hu l-ewwel rekwizit sabiex din il-Qorti tista' tikkunsidra t-talba tieghu.

6. Sabiex taghmel dan, din il-Qorti trid tara jekk il-massimu tal-piena li tista' tigi inflitta fuq l-imputat, jekk kemm-il darba jinstab hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu taqbizx is-seba' (7) snin prigunerija. Fil-kaz odjern l-imputat hu mixli b'wiehed u tletin (31) imputazzjoni. Fl-opinjoni konsiderata ta' din il-Qorti, sabiex hija tikkalkula l-piena ghall-fini tar-rekwizit tal-Artikolu 8(1), hija obbligata tiehu in konsiderazzjoni l-konkors tar-reati u l-pieni l-ohra li bihom jinsab mixli, u dan ghas-semplici raguni li l-Artikolu 8(1) tal-Kapitolu 537 imkien ma jghid li l-konkors tar-reati u pieni l-ohra li bihom l-imputat jinsab mixli, m'ghandhomx jittiehdu in konsiderazzjoni meta tigi biex tikkalkula jekk il-piena hix wahda ta' aktar minn seba' snin prigunerija jew le. Kieku ghall-grazzja tal-argument biss, din il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih fic-citazzjoni, hija tinfliggi piena wahda komplessiva – wara li taghmel l-assorbimenti preskritti mil-ligi – u ma toqghodx tispezzetta billi taghti piena ghal kull reat. Fil-fatt l-Artikolu 17 tal-Kodici Kriminali jippreskrivi l-mod ta' kif ghandha tinghata l-piena meta jkun hemm konkors ta' reati u pieni.

7. Meta l-legislatur ried li l-Qorti ma tiehux in konsiderazzjoni l-konkors ta' reati u pieni, u/jew l-addebitu tar-recidiva u/jew li r-reat ikun wiehed li jkompli, ghal fini tal-komputazzjoni tal-piena dan qalu espressament. Hekk per ezempju, l-Artikolu 370(2) tal-Kodici Kriminali, li jirregola l-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, jippreskrivi hekk:

*"Ir-reati msemmijin fis-subartikolu (1) jibqgħu ta'kompetenza tal-qorti fuq imsemmija għad illi, minħabba l-konkors ta' reati u ta' pieni, <u>minħabba r-reċidiva jew minħabba l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 18, ikun hemm lok li tingħata piena akbar minn dawk imsemmijin f'dak is-subartikolu.</u>* (sottolinear ta' din il-Qorti)

8. Bl-istess mod l-Artikolu 7(2) tal-Att dwar il-Probation (Kapitolu 446) jippreskrivi li wiehed mir-rekwiziti sabiex Qorti tqieghed persuna misjuba hatja ta' reat taht Ordni ta' Probation hu li r-reat ma jkunx wiehed *"li <u>apparti minn kull żjieda fil-piena minħabba f'li jkun wieħed li jkompli jew f'dikjarazzjonijiet ta' ħtija preċedenti</u>, li jkun punibbli bi priġunerija għal żmien mhux iktar minn seba' snin".* (sottolinear ta' din il-Qorti).

9. Fil-kaz tal-Artikolu 8(1) tal-Kapitolu 537, il-legislatur m'ghamel l-ebda eskluzjoni simili, imma sempliciment jghid li l-imputat jkun mixli ta' reat li *"ghalih hemm piena ta' mhux aktar minn seba' snin prigunerija."* Konsegwentement, fl-opinjoni konsiderata ta' din il-Qorti, meta hija tikkalkula dan ir-rekwizit, hija trid bil-fors tiehu in konsiderazzjoni l-konkors tar-reati u l-pieni, li bihom hu mixli l-imputat.

10. Issa fil-kaz odjern, meta wiehed jikkalkula l-piena tat-tieni imputazzjoni ta' serq ikkwalifikat bil-mezz, hin u bil-valur li jeccedi €2,329.37), li hija wahda mill-pieni l-izjed gholja - ghax hemm imputazzjonijiet b'reat identiku u allura jgorr l-istess piena - jasal ghal piena ta' sitt (6) snin prigunerija, u dan wara li wiehed jikkalkula l-piena ai termini tal-proviso tal-Artikolu 280(2) tal-Kodici Kriminali, pero li fil-kaz odjern din trid titnaqqas bi grad, stante li fid-data li meta l-imputat allegatament ikkommetta r-reati li bihom huwa mixli, huwa kellu sbatax (17)-il sena.

11. Kif diga inghad, l-imputat huwa mixli b'wiehed u tletin (31) imputazzjoni, li uhud minnhom igorru wkoll l-istess piena, stante li huma wkoll reati ta' serq bl-istess kwalifiki Konsegwentement, fil-kaz odjern, in vista tar-regoli tal-konkors tar-reati preskritt fl-Artikolu 17(b) tal-Kodici Kriminali, m'hemmx dubbju li l-piena ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat certament teccedi s-seba' (7) snin prigunerija.

12. Konsegwentament, l-imputat ma jissodisfax ir-rekwizit li r-reati li bihom hu mixli ma jeccedux piena ta' seba' snin prigunerija, kif impost fl-Artikolu 8(1) tal-Kapitolu 537.

13. In vista tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, ikun inutili li din il-Qorti tordna lill-imputat biex iressaq provi sabiex jipprova li jissodisfa ir-rekwiziti l-ohra preskritti fl-Artikolu 8(2) tal-Kapitolu 537.

**Konkluzjoni**

14. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tiddikjara li l-imputat ma jissodisfax l-ewwel rekwizit preskritt fl-Artikolu 8(1) tal-Kapitolu 537 sabiex hija tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga, stante li l-piena ghar-reati li huwa jinsab mixli bihom teccedi s-seba' (7) snin prigunerija, u konsegwentement tichad it-talba kontenuta fir-rikors tieghu tal-15 ta' Novembru 2023.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**